Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M4 'IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1275/2008

tas-17 ta' Diċembru 2008

li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju fil-modalitajiet standby u mitfi u fil-modalità standby ta' netwerk ◄

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 339, 18.12.2008, p. 45)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009 tas-6 ta' April 2009	L 93	3	7.4.2009
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009 tat-22 ta' Lulju 2009	L 191	42	23.7.2009
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013	L 175	13	27.6.2013
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2013 tat-22 ta' Awwissu 2013	L 225	1	23.8.2013

▼B

▼M4

‘IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1275/2008

tas-17 ta’ Diċembru 2008

li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta’ tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju fil-modalitajiet standby u mitfi u fil-modalità standby ta’ netwerk

▼B

(Test b’relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti ta’ ekodisinn għal prodotti li jaħdmu bl-elettriku u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u b’mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li li kkonsultat mal-Forum ta’ Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 2005/32/KE ir-rekwiżiti ta’ ekodisinn għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni għal prodotti li jaħdmu bl-elettriku li jirrappreżentaw volumi kbar ta’ bejgħ u kummerċ, li għandhom impatt ambjentali qawwi u li jippreżentaw potenzjal kbir għal titjib f’termini tal-impatt ambjentali tagħhom mingħajr ma jinvolvu spejjeż eċċessivi.

(2) L-Artikolu 16(2), it-tieni inċiż tad-Direttiva 2005/32/KE, jipprovdi li skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(3) u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u wara li kkonsultat mal-Forum ta’ Konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tintroduċi, kif jidhrilha li huwa xieraq, miżura ta’ implimentazzjoni separata biex titnaqqas il-ħela mill-konsum bil-modalità *standby* għal grupp ta’ prodotti.

(3) Il-Kummissjoni wettqet studju preparatorju li analizza l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi tal-ħela mill-konsum bil-modalità *standby* u l-modalità mitfija. L-istudju ġie żviluppat flimkien mal-partijiet interessati mill-UE u pajjiżi terzi, u r-riżultati saru disponibbli għall-pubbliku.

([1]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

▼B

(4) Fl-istudju preparatorju, ġie ddikjarat li l-ħela mill-konsum bil-funzjonalitajiet *standby* u bil-modalità mitfija sseħħ fil-każ tal-maġġoranza tal-prodotti tal-elettriku u elettroniċi tad-dar u tal-uffiċċju li jinbiegħu fil-Komunità, filwaqt li l-konsum tal-elettriku annwali marbut mal-ħela mill-konsum bil-funzjonalitajiet *standby* u l-modalità mitfija ġie stmat li fl-2005 laħħaq 47 TWh, li jikkorrespondu għal 19 Mt CO_2 ta' emissjonijiet. Jekk ma jittieħdux miżuri speċifiċi, huwa mbassar li sal-2020, il-konsum sejjer jiżdied għal 49 TWh. Ġie konkluż li l-konsum tal-elettriku dovut għall-ħela ta' enerġija mill-funzjonalitajiet *standby* u l-modalità mitfija jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti.

(5) It-titjib fil-konsum tal-elettriku dovut għall-ħela ta' enerġija mill-funzjonalitajiet *standby* u l-modalità mitfija għandu jinkiseb billi jiġu applikati teknoloġiji eżistenti li huma effikaċi mil-lat finanzjarju u li ma jappartjenux għal ebda proprjetarju partikolari, li jwasslu għal tnaqqis fl-ispejjeż għax-xiri tat-tagħmir u l-ispejjeż għat-tħaddim tiegħu flimkien.

(6) Ir-rekwiżiti ta' ekodisinn għall-konsum tal-elettriku fil-modalità *standby* u l-modalità mitfija ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju għandhom jiġu ffissati bil-għan li jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' ekodisinn għall-modalità *standby* u l-modalità mitfija madwar il-Komunità kollha u li jkunu ta' kontribut għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti affettwati.

(7) Ir-rekwiżiti ta' ekodisinn ma għandux ikollhom impatt negattiv fuq il-funzjonalità tal-prodott u ma għandhomx jaffettwaw lis-saħħa, lis-sikurezza u lill-ambjent b'mod negattiv. B'mod partikolari, il-benefiċċji mit-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku matul il-fażi tal-użu għandhom jikkumpensaw tajjeb ħafna l-impatti ambjentali potenzjali addizzjonali matul il-fażi ta' produzzjoni ta' tagħmir li għandu l-funzjonalitajiet *standby* u/jew il-modalità mitfija.

(8) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun limitata għall-prodotti ta' tagħmir tad-dar u tal-uffiċċji maħsuba għal użu f'ambjent domestiku, li, fil-każ ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni, jikkorrespondi għat-tagħmir tal-klassi B kif stabbilit fl-EN 55022:2006. L-iskop għandu jkun definit b'tali mod li tagħmir li ma jkunx għadu disponibbli fis-suq, iżda li jkollu funzjonalitajiet simili għal dawk il-prodotti msemmija espliċitament f'dan ir-Regolament ikun iddisinjat b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti. Meta jkun xieraq, emenda għal dan ir-Regolament tista' tikkomplimenta l-lista ta' prodotti.

(9) Modalitajiet ta' tħaddim mhux koperti b'dan ir-Regolament, bħall-modalità ACPI S3 tal-kompjuters, għandhom jiġu kkunsidrati f'miżuri implimentattivi speċifiċi għall-prodott skond id-Direttiva 2005/32/KE.

(10) Bħala regola ġenerali, rekwiżiti dwar il-modalità *standby* u mitfija stabbiliti f'miżuri implimentattivi speċifiċi għall-prodott skond id-Direttiva 2005/32/KE ma għandhomx ikunu inqas ambizzjużi minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼B

(11) Sabiex jimpedixxu telf ta' enerġija bla bżonn, idealment il-prodotti għandhom jidħlu fi stat ta' konsum "0-Watt" meta ma jkunu qegħdin jaqdu ebda funzjoni. Il-fattibbiltà teknika u kemm dan ikun xieraq għandhom jiġu kkunsidrati fuq il-bażi ta' "prodott, prodott," fil-miżura implimentattiva rilevanti skond id-Direttiva 2005/32/KE.

(12) Id-dħul fis-seħħ f'żewġ stadji tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għandu jipprovdi lill-manifatturi bi skadenzi xierqa biex jiddisinjaw il-prodotti mill-ġdid fejn għandha x'taqsam il-ħela tal-elettriku mill-funzjonalitajiet *standby* u l-modalità mitfija. Il-waqt meta ż-żewġ fażijiet jidħlu fis-seħħ għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jiġu evitati l-impatti negattivi marbuta mal-funzjonalitajiet tat-tagħmir fis-suq u għandhom ukoll jitqiesu l-ispejjeż involuti għall-manifatturi, speċjalment għall-SMEs filwaqt li jiġi żgurat l-ilħuq f'waqtu tal-għanijiet tal-politika. Il-kejl tal-konsum tal-elettriku għandu jsir waqt li tiġi kkunsidrata l-aħħar u l-aħjar teknoloġija li tkun rikonoxxuta b'mod ġenerali; il-manifatturi jistgħu japplikaw l-istandards armonizzati b'mod konformi mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2005/32/KE.

(13) Dan ir-Regolament għandu jżid il-penetrazzjoni fis-suq tat-teknoloġiji li jipproduċu effiċjenza mtejba fl-użu tal-enerġija fir-rigward tal-ħela tal-elettriku mill-funzjonalitajiet *standby* u l-modalità mitfija, li huwa stmat li jsarraf fi ffrankar ta' elettriku li jlaħħaq 35 TWh sal-2020 meta mqabbel ma' xenarju ta' "operat bħas-soltu".

(14) Skond l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2005/32/KE, dan ir-Regolament għandu jispeċifika li l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli huma s-sistema ta' kontroll intern tad-disinn stabbilita fl-Anness IV u s-sistema ta' ġestjoni stabbilita fl-Anness V tad-Direttiva 2005/32/KE.

(15) Sabiex jiffaċilitaw il-kontroll tal-konformità, il-manifatturi għandhom jintalbu jipprovdu informazzjoni fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Annessi IV u V tad-Direttiva 2005/32/KE dwar il-kundizzjonijiet operattivi soġġetti għad-definizzjonijiet tal-modalità *standby* u l-modalità mitfija, u l-livelli ta' konsum ta' elettriku li jikkorrispondu magħhom.

(16) Għandhom jiġu identifikati termini ta' riferiment għat-teknoloġiji attwalment disponibbli b'konsum ta' elettriku baxx fil-modalità *standby* u l-modalità nitfija. Dan jgħin biex jiġu żgurati kemm disponibbiltà kbira kif ukoll aċċess faċli għall-informazzjoni, speċjalment għall-SMEs u d-ditti li huma żgħar ħafna. Dan ikompli jiffaċilita l-integrazzjoni tat-teknoloġiji tal-aħjar disinn għat-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku fil-każ tal-modalità *standby* u l-modalità mitfija.

(17) Il-kejl previst f'dan ir-Regolament sar skond l-opinjoni tal-Kumitat maħluq mill-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2005/32/KE.

▼B

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

▼M4

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn relatati mal-konsum tal-elettriku fil-modalitajiet standby u mitfi, u f'modalità standby ta' netwerk, għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju.

Dan ir-Regolament mhux applikabbli għal tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju li jitqiegħed fis-suq bi provvisti tal-enerġija esterni b'vultaġġ baxx biex jaħdem kif suppost.

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2005/32/KE. Għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju" (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "tagħmir"), ifisser kwalunkwe prodott li jaħdem bl-elettriku li

(a) huwa disponibbli kummerċjalment bħala unità funzjonali unika u huwa maħsub għall-utent aħħari;

(b) jaqa' taħt il-lista ta' prodotti li jaħdmu bl-elettriku li tidher fl-Anness I;

(c) huwa dipendenti fuq il-konsum tal-enerġija mill-mejn biex jaħdem kif suppost; u

(d) huwa ddisinjat għall-użu b'rata ta' vultaġġ nominali ta' 250 V jew inqas,

ukoll meta mqiegħed fis-suq għal użu mhux fid-dar jew fl-uffiċċju;

(2) "modalità/modalitajiet *standby*" tfisser kundizzjoni li fiha t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn u biex jaħdem kif suppost ikun dipendenti fuq il-konsum tal-enerġija mill-mejn, u jkun jipprovdi **biss** dawn il-funzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jippersistu għal żmien indefinit:

— funzjoni ta' riattivazzjoni, jew funzjoni ta' riattivazzjoni u indikazzjoni biss ta' funzjoni ta' riattivazzjoni operattiva, u/jew

— indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat;

(3) "funzjoni ta' riattivazzjoni" tfisser funzjoni li tiffaċilita l-attivazzjoni ta' modalitajiet oħra nkluża l-modalità attiva, permezz ta' swiċċ mill-bogħod, inklużi l-kontroll bir-rimowt, senser intern, l-issettjar tal-ħin (*timer*) għal kundizzjoni li tipprovdi funzjonijiet addizzjonali, inkluża l-funzjoni ewlenija;

▼B

(4) “indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat” tfisser funzjoni kontinwa li turi fuq indikatur jew fuq wiċċ ta’ arloġġ tagħrif jew indikazzjoni tal-istatus li jkun jinsab fih it-tagħmir;

(5) “modalità/modalitajiet attiva/i)” tfisser kundizzjoni li fiha t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn u mill-inqas waħda mill-funzjonijiet ewlenin li tipprovdi s-servizz maħsub tat-tagħmir tkun attivata;

(6) “modalità mitfija” tfisser kundizzjoni li fiha t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn imma ma jkun qed jipprovdi l-ebda funzjoni; dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma wkoll meqjusa bħala modalità mitfija:

(a) kundizzjonijiet li jipprovdu biss indikazzjoni ta’ kundizzjoni ta’ modalità mitfija,

(b) kundizzjonijiet li jipprovdu biss funzjonalitajiet maħsuba biex jiżguraw kompatibbiltà elettromanjetika skond id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(7) “tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni” tfisser tagħmir li l-funzjoni primarja tiegħu hija jew id-dħul, il-ħżin, il-wiri, l-irkupru it-trasmissjoni, l-ipproċessar, l-iswiċċjar jew il-kontroll tad-dejta u ta’ messaġġi tat-telekomunikazzjoni, jew kombinazzjoni ta’ dawn il-funzjonijiet u jkun mgħammar b’port terminali wieħed jew aktar li tipikament jitħaddem jew jitħaddmu għat-trasferiment tal-informazzjoni;

(8) “ambjent domestiku” tfisser ambjent fejn jista’ jkun mistenni użu ta’ riċevituri ta’ xandir bir-radju jew bit-televiżjoni fil-limiti ta’ distanza ta’ 10 m mill-apparat ikkonċernat;

▼M1

(9) “provvista tal-elettriku esterna b’vultaġġ baxx” tfisser provvista tal-elettriku esterna b’vultaġġ output nameplate ta’ inqas minn 6 Volts u b’kurrent output nameplate ta’ 550 milliamperes jew aktar;

▼M4

(10) “netwerk” tfisser infrastruttura tal-komunikazzjoni b’topoloġija ta’ konnessjonijiet, arkitettura, inkluż il-komponenti fiżiċi, prinċipji organizzattivi, proċeduri u formati tal-komunikazzjonijiet (protokolli);

(11) “standby ta’ netwerk” tfisser il-kundizzjoni li fiha t-tagħmir ikun jista’ jerġa’ jħaddem funzjoni permezz ta’ kmand mill-bogħod li jingħata minn konnessjoni ta’ netwerk;

(12) “kmand mogħti mill-bogħod” tfisser sinjal li jiġi minn barra t-tagħmir, permezz ta’ netwerk;

(13) “port tan-netwerk” tfisser interfaċċja fiżika, bil-fili jew bla fili, tal-konnessjoni tan-netwerk li tkun fit-tagħmir u li permezz tagħha, it-tagħmir ikun jista’ jiġi attivat mill-bogħod;

(14) “port tan-netwerk loġiku” tfisser it-teknoloġija ta’ netwerk li tiffunzjona fuq port tan-netwerk fiżiku;

(15) “port tan-netwerk fiżiku” tfisser mezz fiżiku (ħardwer) ta’ port tan-netwerk. Port tan-netwerk fiżiku jista’ jieħu żewġ teknoloġiji ta’ netwerk jew aktar;

([1]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

▼M4

(16) “disponibbiltà tan-netwerk” tfisser il-kapaċità tat-tagħmir li jerġa’ jħaddem funzjonijiet wara li kmand mogħti mill-bogħod jiġi rikonoxxut minn port tan-netwerk;

(17) “tagħmir imqabbad ma’ netwerk” tfisser kwalunkwe tagħmir li jista’ jiġi kkonnettjat ma’ netwerk u li jkollu port tan-netwerk wieħed jew aktar;

(18) “tagħmir imqabbad ma’ netwerk b’disponibbiltà ta’ netwerk għolja” (tagħmir HiNA) tfisser tagħmir b’waħda jew aktar minn dawn il-funzjonalitajiet, iżda mhux b’aktar, bħala l-funzjonalità/funzjonalitajiet ewlenija/ewlenin: *router*, swiċċ ta’ netwerk, punt ta’ aċċess għan-netwerk bla fili, *hub*, modem, telefown VoIP, vidjofown;

(19) “tagħmir imqabbad ma’ netwerk b’funzjonalità ta’ disponibbiltà ta’ netwerk għolja” (tagħmir b’funzjonalità HiNA) tfisser tagħmir bil-funzjonalità ta’ *router*, swiċċ ta’ netwerk, punt ta’ aċċess għan-netwerk bla fili jew kombinazzjoni tagħhom inkluża, iżda li ma jkunx tagħmir HiNA;

(20) “*router*” tfisser apparat tan-netwerk li l-funzjoni primarja tiegħu hija li jiddetermina liema tkun l-aħjar mogħdija li minnha għandu jgħaddi t-traffiku tan-netwerk. Ir-*routers* jibagħtu pakketti minn netwerk għall-ieħor, abbażi tal-informazzjoni dwar il-livell tan-netwerk (L3);

(21) “swiċċ ta’ netwerk” tfisser apparat tan-netwerk li l-funzjoni primarja tiegħu hija li jiffiltra, jibgħat u jqassam *frames* abbażi tal-indirizz ta’ destinazzjoni ta’ kull frame. L-iswiċċis kollha jiffunzjonaw, mill-anqas, fil-livell tal-konnessjoni tad-dejta (L2);

(22) “punt ta’ aċċess għan-netwerk bla fili” tfisser apparat li l-funzjoni primarja tiegħu hija li jipprovdi konnettività IEEE 802.11 (Wi-Fi) lil diversi klijenti;

(23) “*hub*” tfisser apparat tan-netwerk li jkollu diversi portijiet u li jintuża għall-konnessjoni ta’ segmenti ta’ Netwerk ta’ Żona Lokali (LAN – Local Area Network);

(24) “modem” tfisser apparat li l-funzjoni primarja tiegħu hija li jittrażmetti u jirċievi sinjali analogi modulati diġitalment fuq netwerk bil-fili;

(25) “tagħmir li jipprintja” tfisser tagħmir li jagħti output fuq il-karta minn input elettroniku. It-tagħmir li jipprintja jista’ jkollu funzjonijiet addizzjonali u jista’ jiġi kkummerċjalizzat bħala apparat jew prodott multifunzjonali;

(26) “tagħmir li jipprintja b’format kbir” tfisser tagħmir li jipprintja ddisinjat biex jipprintja fuq materjal ta’ format A2 jew akbar, inkluż tagħmir iddisinjat biex jieħu materjal kontinwu wiesa’ mill-anqas 406 mm;

(27) “sistema ta’ telepreżenza” tfisser sistema dedikata li tintuża għal vidjokonferenzi u kollaborazzjonijiet b’definizzjoni għolja li tinkludi interfaċċja tal-utent, kamera b’definizzjoni għolja, unità tal-wiri, sistema tal-awdjo u kapaċitajiet tal-ipproċessar għall-kodifikazzjoni (encoding) u d-dekodifikazzjoni (decoding) tal-vidjo u tal-awdjo;

▼M4

(28) “magna tal-kafè tad-dar” tfisser tagħmir mhux għall-użu kummerċjali li jagħmel il-kafè;

(29) “magna tal-kafè tad-dar bi drip-filter” tfisser magna tal-kafè tad-dar li tipperkola l-kafè;

(30) “element tat-tisħin” tfisser komponent tal-magna tal-kafè li juża l-enerġija elettrika biex isaħħan l-ilma;

(31) “tisħin minn qabel tat-tazza” tfisser funzjoni li ssaħħan minn qabel it-tazez, li wara, jinħażnu fuq il-magna tal-kafè;

(32) “ċiklu tat-tisjir” tfisser il-proċess li jrid jitwettaq biex jiġi prodott il-kafè;

(33) “tindif awtomatiku” tfisser proċess li l-magna tal-kafè twettaq biex tnaddaf il-parti ta’ ġewwa tagħha. Dan il-proċess jista’ jkun tlaħliħa ħafifa jew proċess ta’ ħasil bl-użu ta’ addittivi speċifiċi;

(34) “tneħħija tal-ġebla” tfisser proċess li l-magna tal-kafè twettaq biex tneħħi għalkollox, jew parzjalment, il-formazzjoni ta’ ġebla fuq il-parti ta’ ġewwa tagħha;

(35) “klijent desktop ħafif” tfisser kompjuter li jiddependi minn konnessjoni ma’ riżorsi informatiċi mill-bogħod (eż., server informatiku, *workstation* mill-bogħod) biex jikseb funzjonalità primarja u ma jkollux mezz ta’ ħżin ta’ memorja rotazzjonali integrat fil-prodott. L-unità ewlenija ta’ klijent desktop ħafif għandha tkun maħsuba għall-użu f’post fiss (eż., fuq desk) u mhux li tkun tista’ tinġarr. Il-klijenti desktop ħfief jistgħu jibagħtu l-informazzjoni kemm lil unità tal-wiri esterna kif ukoll, fejn din tkun inkluża fil-prodott, lil unità interna.

(36) “workstation” tfisser kompjuter bi prestazzjoni għolja li jintuża minn utent wieħed, għal xogħol ta’ grafika, CAD (*Kompjuter Aided Design*), żvilupp ta’ softwer, applikazzjonijiet finanzjarji u xjentifiċi, fost kompiti oħra ta’ kalkolu intensiv, u li jkollu dawn il-karatteristiċi:

(a) ikollu żmien medju ta’ bejn il-ħsarat (MTBF - *mean time between failures*) ta’ mill-anqas 15 000 siegħa;

(b) ikollu kodiċi tal-korrezzjoni ta’ żbalji (ECC - *error-correcting code*) u/jew memorja bbaferjata;

(c) jissodisfa tlieta minn dawn il-ħames karatteristiċi:

(1) ikollu appoġġ tal-enerġija supplimentari għal grafiki tal-ogħla livell (jiġifieri, alimentazzjoni ta’ enerġija supplimentari ta’ 12 V, 6-pin, PCI-E);

(2) is-sistema tiegħu jkollha fili għal × 4 PCI-E, jew għal aħjar, fuq il-*motherboard* apparti s-slot(s) tal-grafiki u/jew l-appoġġ għal PCI-X;

(3) ma jappoġġax grafiki b’aċċess uniformi għall-memorja (UMA - *uniform memory access*);

(4) jinkludi ħames slottijiet PCI, PCI-E jew PCI-X, jew aktar;

▼M4

(5) huwa kapaċi li jagħti appoġġ ta' proċessuri multipli għal żewġ CPUs jew aktar (irid ikun kapaċi jappoġġja pakketti/sokits tas-CPU li jkunu fiżikament separati, jiġifieri kapaċità li mhijiex issodisfata minn CPU uniku b'nuklei multipli);

(37) "*workstation* mobbli" tfisser kompjuter bi prestazzjoni għolja li jintuża minn utent wieħed, l-aktar għal xogħol ta' grafika, CAD, żvilupp ta' softwer, applikazzjonijiet finanzjarji u xjentifiċi, fost kompiti oħra ta' kalkolu intensiv, għajr għal-logħob, u li jkun iddisinjat speċifikament biex ikun jista' jinġarr u jitħaddem għal perjodi ta' ħin twal kemm jekk imqabbad ma' provvista ta' enerġija AC kif ukoll jekk le. Il-*workstations* mobbli jużaw unità ta' wiri integrata u jistgħu jitħaddmu b'batterija integrata jew bi provvista tal-enerġija portabbli oħra. Il-biċċa l-kbira tal-*workstations* mobbli jużaw provvista tal-enerġija esterna u ħafna minnhom ikollhom tastiera u mezz għall-ippuntar integrati.

Workstation mobbli jkollu dawn il-karatteristiċi:

(a) ikollu żmien medju ta' bejn il-ħsarat (MTBF - *mean time between failures*) ta' mill-anqas 13 000 siegħa;

(b) ikollu kard tal-grafika diskreta (dGfx) li tissodisfa l-klassifikazzjoni ta' G3 (b'Wisa' tad-Dejta FB > 128-bit), G4, G5, G6 jew G7;

(c) jappoġġja l-inklużjoni ta' tliet mezzi interni ta' ħżin jew aktar;

(d) jappoġġja mill-inqas 32 GB ta' memorja tas-sistema;

(38) "server żgħir" tfisser tip ta' kompjuter li s-soltu juża komponenti ta' kompjuter desktop fl-għamla ta' kompjuter desktop iżda li primarjament ikun iddisinjat biex jaħżen id-dejta ta' kompjuters oħrajn u jwettaq funzjonijiet bħall-għoti ta' servizzi ta' infrastruttura tan-netwerk u l-ilqugħ ta' dejta/midja, u li jkollu l-karatteristiki li ġejjin:

(a) ikun iddisinjat f'għamla ta' pedestall, torri, jew għamla oħra simili għal dik tal-kompjuter desktop b'tali mod li l-ipproċessar kollu tad-dejta, il-ħżin, u l-interfaċċja tan-netwerk ikunu miġbura f'kaxxa waħda;

(b) ikun iddisinjat biex jaħdem 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa;

(c) ikun primarjament iddisinjat biex jopera f'ambjent b'utenti multipli simultanjament filwaqt li jservi diversi utenti permezz ta' unitajiet ta' klijenti f'netwerk;

(d) fejn imqiegħed fis-suq b'sistema operatorja, is-sistema operatorja tkun mfassla għal server tad-dar jew applikazzjonijiet ta' server ta' livell baxx;

▼M4

(e) ma jitqiegħedx fis-suq b'kard tal-grafika diskreta (dGfx) li tissodisfa kwalunkwe klassifikazzjoni oħra ħlief dik tal-G1;

(39) "server informatiku" tfisser prodott ta' kompjuterizzazzjoni li jipprovdi servizzi u jimmaniġġja riżorsi imqabbda b'netwerk ma' apparati klijenti, bħal kompjuters desktop, kompjuters notebook, terminals ħfief desktop, telefowns tal-protokoll tal-Internet (IP), jew servers informatiċi oħrajn. Server informatiku tipikament jitqiegħed fis-suq għall-użu f'ċentri tad-dejta u f'ambjenti ta' uffiċċji/korporattivi. Server informatiku primarjament isir aċċess għalih permezz ta' konnessjonijiet tan-netwerk, u mhux permezz ta' apparati ta' input dirett mill-utent, bħat-tastiera jew il-maws;

Server informatiku jkollu dawn il-karatteristiċi:

(a) ikun iddisinjat biex jappoġġja sistemi operatorji (OS) tas-servers informatiċi u/jew ipervisuri, u jkun mmirat biex iħaddem applikazzjonijiet għall-intrapriżi installati mill-utent;

(b) jappoġġja l-kodiċi tal-korrezzjoni tal-iżbalji (ECC) u/jew il-memorja bbaferjata (li tinkludi kemm moduli ta' memorja bbaferjata dual in-line (DIMMs – *dual in-line memory modules*) kif ukoll konfigurazzjonijiet baferjati on board (BOB- *buffered on board*));

(c) jitqiegħed fis-suq bi provvista/i tal-enerġija AC-DC wieħed jew aktar;

(d) il-proċessuri kollha jkollhom aċċess għal sistema kondiviża tal-memorja u huma indipendentement viżibbli għal OS waħda jew ipervisur wieħed.

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-ekodisinn

Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn relatati mal-konsum tal-elettriku fil-modalitajiet standby u mitfi, u fil-modalità standby ta' netwerk, huma stabbiliti fl-Anness II.

▼B

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-konformità

Il-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2005/32/KE għandha tkun is-sistema ta' kontroll intern tad-disinn stabbilita fl-Anness IV tad-Direttiva 2005/32/KE u s-sistema ta' ġestjoni stabbilita fl-Anness V tad-Direttiva 2005/32/KE.

▼B

Artikolu 5

Proċedura ta' verifikazzjoni għal skopijiet ta' sorveljanza tas-suq

Il-kontroll tas-sorveljanza għandu jitwettaq skond il-proċedura ta' verifikazzjoni stabbilita fl-Anness III.

Artikolu 6

Termini ta' riferiment

It-termini ta' riferiment indikattivi għall-prodotti u t-teknoloġija tal-aħjar prestazzjoni li huma attwalment disponibbli fis-suq huma identifikati fl-Anness IV.

▼M4

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament, fid-dawl tal-progress teknoloġiku li jseħħ, u tippreżenta r-riżultati tar-reviżjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mis-7 ta' Jannar 2016. B'mod partikolari, din ir-reviżjoni għandha tindirizza l-ambitu u r-rekwiżiti għall-modalità standby/mitfi u l-adegwatezza u l-livell tar-rekwiżiti għall-modalità standby ta' netwerk fir-rigward tat-tielet stadju tal-implimentazzjoni (2019).

Ir-reviżjoni tista' tindirizza, inter alia, tagħmir u prodotti professjonali li jkunu mgħammra b'muturi elettriċi mħaddma bi kmand mill-bogħod.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-Punt 1 tal-Anness II għandu japplika mis-7 ta' Jannar 2010.

Il-Punt 2 tal-Anness II għandu japplika mis-7 ta' Jannar 2013.

Il-Punt 3 tal-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Il-Punt 4 tal-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Il-Punt 5 tal-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Il-Punt 6 tal-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Il-Punt 7 tal-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' prodotti li jaħdmu bl-elettriku koperti b'dan ir-Regolament

1. Apparat domestiku

Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ

Magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ

Magni għall-ħasil tal-platti

Tisjir:

Fran tal-elettriku

Hot plates tal-elettriku

Fran li jaħdmu bil-*microwaves* (Microwaves)

Towsters

Twaġen għall-qali tal-ikel

Magni tat-ħin, magni tal-kafé u tagħmir għall-ftuħ u l-issiġillar tal-kontenituri jew l-imballaġġ

Skieken tal-elettriku

Apparat ieħor għat-tisjir u għal ipproċessar ieħor tal-ikel, tindif u manutenzjoni tal-ħwejjeġ.

Apparat għall-qtugħ tax-xagħar, għat-tnixxif tax-xagħar, għall-għarik tas-snien, għat-tqaxxir tal-leħja, għall-massaġġi u apparat ieħor tal-kura tal-ġisem

Mwieżen

▼M3

2. It-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni maħsub primarjament għall-użu f'ambjent domestiku, iżda eskluži l-kompjuters desktop, il-kompjuters desktop integrati u n-notebooks, kif definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 ([1])

▼B

3. Tagħmir ta' konsum

▼M2

Settijiet tar-radju

Vidjo kameras

Vidjo rikorders

Rikorders Hi-fi

Amplifikaturi tal-awdjo

Sistemi tat-tip "home theatre"

Strumenti mużikali

U tagħmir ieħor biex jirrekordja jew jirriproduċi l-ħoss jew l-istampa, inkluži s-sinjali jew teknoloġiji oħra għad-distribuzzjoni tal-ħoss u l-istampa għajr permezz tat-telekomunikazzjoni, iżda eskluži t-televixins kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009

▼B

4. Ġugarelli, tagħmir sportiv u ta' rikreazzjoni

Ferroviji tal-elettriku jew settijiet tat-tlielaq tal-karozzi

Konsowls tal-logħob bil-kompjuter li jinżammu fl-idejn

Tagħmir sportiv b'komponenti tal-elettriku jew elettroniċi

Ġugarelli, tagħmir tad-divertiment u sportiv oħrajn

([1]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 13.

▼B

ANNESS II

Rekwiżiti ta' ekodisinn

1. Sena wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament:

   (a) Konsum tal-elettriku fil-"Modalità mitfija":

   Il-konsum tal-elettriku ta' tagħmir fi kwalunkwe kundizzjoni "Modalità mitfija" ma għandux jaqbeż 1.00 W.

   (b) Konsum tal-elettriku fil-"Modalità (modalitajiet) *Standby*":

   Il-konsum tal-elettriku fi kwalunkwe kundizzjoni li tipprovdi biss funzjoni ta' riattivazzjoni, jew li tipprovdi biss funzjoni ta' riattivazzjoni u sempliċi indikazzjoni ta' funzjoni ta' riattivazzjoni operattiva, ma għandux jaqbeż 1.00 W.

   Il-konsum tal-elettriku ta' tagħmir fi kwalunkwe kundizzjoni li tipprovdi biss indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat, jew li tipprovdi biss kombinazzjoni tal-funzjoni ta' riattivazzjoni u tal-indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat, ma għandux jaqbeż 2.00 W.

   (c) Disponibbiltà tal-modalità Mitfija u/jew il-modalità *Standby*

   It-tagħmir għandu jipprovdi, għajr fejn dan ma jkunx jixraq għall-użu maħsub, il-modalità Mitfija u/jew il-modalità *Standby*, u/jew xi kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku applikabbli għall-modalità mitfija u l-modalità *standby* meta t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn.

2. Erba' snin wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ:

   (a) Il-konsum tal-elettriku fil-"modalità Mitfija":

   Il-konsum tal-elettriku tat-tagħmir fi kwalunkwe kundizzjoni b'modalità mitfija ma għandux jaqbeż 0.50 W.

   (b) Konsum tal-elettriku fil-"Modalità (modalitajiet) *Standby*":

   Il-konsum tal-elettriku fi kwalunkwe kundizzjoni li tipprovdi biss funzjoni ta' riattivazzjoni, jew li tipprovdi biss funzjoni ta' riattivazzjoni u sempliċi indikazzjoni ta' funzjoni ta' riattivazzjoni operattiva, ma għandux jaqbeż 0.50 W.

   Il-konsum tal-elettriku ta' tagħmir fi kwalunkwe kundizzjoni li tipprovdi biss indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat, jew li tipprovdi biss kombinazzjoni tal-funzjoni ta' riattivazzjoni u tal-indikatur informattiv jew tal-istatus tal-apparat, ma għandux jaqbeż 1.00 W.

   (c) Disponibbiltà tal-modalità Mitfija u/jew il-modalità *Standby*

   It-tagħmir għandu jipprovdi, għajr fejn dan ma jkunx jixraq għall-użu maħsub, il-modalità Mitfija u/jew il-modalità *Standby*, u/jew xi kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku applikabbli għall-modalità mitfija u l-modalità *standby* meta t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn.

▼M4

   (d) Ġestjoni tal-enerġija għat-tagħmir kollu li mhux tagħmir imqabbad ma' netwerk

   It-tagħmir għandu, sakemm ikun xieraq skont l-użu maħsub, joffri funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija jew funzjoni simili. Meta tagħmir ma jkunx qed jipprovdi l-funzjoni ewlenija tiegħu, u meta prodott(i) ieħor/oħra li jużaw l-enerġija ma jkunux jiddependu mill-funzjonijiet tiegħu, il-funzjoni ta' ġestjoni tal-enerġija għandha tiswiċċja awtomatikament it-tagħmir wara l-iqsar perjodu ta' żmien possibbli xieraq għall-użu maħsub tat-tagħmir, għal:

   — modalità standby, jew

   — modalità mitfi, jew

▼M4

— kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti tal-konsum tal-enerġija applikabbli għall-modalità mitfi u/jew il-modalità standby meta t-tagħmir ikun imqabbad mal-mejn.

Il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija għandha tiġi attivata.

3. Mill-1 ta' Jannar 2015:

(a) Il-possibbiltà ta' diżattivazzjoni ta' konnessjoni(jiet) ta' netwerk bla fili

Kwalunkwe tagħmir imqabbad ma' netwerk li jista' jiġi kkonnettjat ma' netwerk bla fili għandu joffri lill-utent il-possibbiltà li jiddiżattiva l-konnessjoni(jiet) man-netwerk bla fili. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal prodotti li għall-użu maħsub tagħhom jiddependu fuq konnessjoni waħda ma' netwerk bla fili u li ma jkollhomx konnessjoni ma' netwerk bil-fili.

(b) Il-ġestjoni tal-enerġija għal tagħmir imqabbad ma' netwerk

It-tagħmir għandu, sakemm ikun xieraq skont l-użu maħsub, joffri funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija jew funzjoni simili. Meta tagħmir ma jkunx qed jipprovdi l-funzjoni ewlenija tiegħu, u meta prodott(i) ieħor/oħra li jużaw l-enerġija ma jkunux jiddependu mill-funzjonijiet tiegħu, il-funzjoni ta' ġestjoni tal-enerġija għandha tiswiċċja awtomatikament it-tagħmir wara l-iqsar perjodu ta' żmien possibbli xieraq għall-użu maħsub tat-tagħmir, għal kundizzjoni ta' modalità ta' standby ta' netwerk.

F'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija tista' tiswiċċja t-tagħmir f'modalità standby/mitfi awtomatikament jew f'kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tal-konsum tal-enerġija għall-modalità standby u/jew mitfi.

Il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, għandha tkun disponibbli għall-portijiet tan-netwerk kollha tat-tagħmir imqabbad ma' netwerk.

Il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, għandha tkun attivata, sakemm ma jkunux diżattivati l-portijiet tan-netwerk kollha. F'dak il-każ, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, għandha tiġi attivata jekk xi wieħed mill-portijiet tan-netwerk ikun attivat.

Il-perjodu ta' żmien predefinit li jgħaddi minn meta l-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tiswiċċja t-tagħmir awtomatikament f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk ma għandux ikun itwal minn 20 minuta.

(c) It-tagħmir imqabbad ma' netwerk li jkollu modalità standby waħda jew aktar għandu jissodisfa r-rekwiżiti għal dawn il-modalità/jiet standby meta l-portijiet tan-netwerk ikunu kollha diżattivati.

(d) It-tagħmir imqabbad ma' netwerk li ma jkunx tagħmir HiNA għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt 2(d) meta l-portijiet tan-netwerk jkunu kollha diżattivati.

(e) Il-konsum tal-enerġija f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk:

Il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir HiNA jew ta' tagħmir b'funzjonalità HiNA f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, ma għandux ikun ogħla minn 12,00 W.

Il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir ieħor imqabbad ma' netwerk f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, ma għandux ikun ogħla minn 6,00 W.

▼**M4**

Il-limiti tal-konsum tal-enerġija stipulati fil-punt (e) ma għandhomx ikunu applikabbli għal:

i. tagħmir li jipprintja bi provvista tal-elettriku ta' potenza nominali ogħla minn 750 W;

ii. tagħmir li jipprintja b'format kbir;

iii. sistemi ta' telepreżenza;

iv. klijenti desktop ħfief;

v. workstations;

vi. *workstations* mobbli;

vii. servers żgħar;

viii. servers tal-kompjuters.

4. Mill-1 ta' Jannar 2017:

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3(a) u 3(b), għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet:

(a) It-tagħmir imqabbad ma' netwerk li jkollu modalità standby waħda jew aktar għandu jissodisfa r-rekwiżiti għal dawk il-modalitajiet standby meta l-portijiet tan-netwerk *bil-fili* jkunu kollha skonnettjati *u meta* l-portijiet tan-netwerk bla fili jkunu *kollha* diżattivati.

(b) It-tagħmir imqabbad ma' netwerk li ma jkunx tagħmir HiNA għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt 2(d) meta l-portijiet tan-netwerk bil-fili jkunu kollha skonnettjati u meta l-portijiet tan-netwerk bla fili jkunu kollha diżattivati.

(c) Il-konsum tal-enerġija f'kundizzjoni li tipprovdi modalità "standby ta' netwerk":

Il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir HiNA jew ta' tagħmir b'funzjonalità HiNA f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, ma għandux ikun ogħla minn 8,00 W.

Il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir ieħor imqabbad ma' netwerk f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, ma għandux ikun ogħla minn 3,00 W.

Il-limiti tal-konsum tal-enerġija stipulati fil-punt (c) ma għandhomx ikunu applikabbli għal:

i. tagħmir li jipprintja b'format kbir;

ii. klijenti desktop ħfief;

iii. workstations;

iv. *workstations* mobbli;

v. servers żgħar;

vi. servers tal-kompjuters.

5. Mill-1 ta' Jannar 2019:

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3(a), 3(b), 4(a), 4(b) u 4(c), id-dispożizzjoni li ġejja għandha tkun applikabbli għal tagħmir imqabbad ma' netwerk li ma jkunx tagħmir HiNA jew li ma jkunx tagħmir b'funzjonalità HiNA:

▼**M4**

Il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir imqabbad ma' netwerk li ma jkunx tagħmir HiNA jew tagħmir li ma jkunx tagħmir b'funzjonalità HiNA, f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, ma għandux ikun ogħla minn 2,00 W.

6. Mill-1 ta' Jannar 2015:

Għall-magni tal-kafè, il-ħin predefinit tad-dewmien, li warajh, il-prodott jiġi swiċċjat awtomatikament għall-modalitajiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Anness II, punt 2, paragrafu d) għandu jkun kif ġej:

— għal magni tal-kafè tad-dar bi drip-filter li jżommu l-kafè f'buqar iżolat, massimu ta' ħames minuti minn tmiem l-aħħar ċiklu tat-tisjir, jew massimu ta' 30 minuta minn tmiem il-proċess ta' tneħħija tal-ġebla jew ta' tindif awtomatiku tal-magna;

— għal magni tal-kafè tad-dar bi drip-filter li jżommu l-kafè f'buqar mhux iżolat, massimu ta' 40 minuta minn tmiem l-aħħar ċiklu tat-tisjir, jew massimu ta' 30 minuta minn tmiem il-proċess ta' tneħħija tal-ġebla jew ta' tindif awtomatiku tal-magna;

— għal magni tal-kafè tad-dar li mhumiex tat-tip bi drip-filter, massimu ta' 30 minuta minn tmiem l-aħħar ċiklu tat-tisjir, jew massimu ta' 30 minuta minn meta jiġi attivat l-element tat-tisħin, jew massimu ta' 60 minuta minn meta tiġi attivata l-funzjoni "tisħin minn qabel tat-tazza", jew massimu ta' 30 minuta minn tmiem il-proċess ta' tneħħija tal-ġebla jew ta' tindif awtomatiku tal-magna, sakemm ma jfaqqax xi allarm li jeħtieġ l-intervent tal-utent biex ma ssirx xi ħsara jew xi aċċident.

Sad-data indikata hawn fuq, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-Anness II.2.d mhumiex applikabbli.

7. Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott

Mill-1 ta' Jannar 2015, din l-informazzjoni li tikkonċerna t-tagħmir imqabbad ma' netwerk għandha tintwera fuq il-websajts aċċessibbli għall-pubbliku tal-manifatturi:

(a) għal kull tagħmir fil-modalità standby u/jew mitfi u fil-kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li t-tagħmir jiġi swiċċjat fiha permezz tal-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija jew ta' funzjoni simili:

— id-dejta dwar il-konsum tal-enerġija f'Watts, imqarrba sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali,

— il-perjodu ta' żmien li jgħaddi minn meta l-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tiswiċċja t-tagħmir awtomatikament fil-modalità standby u/jew mitfi u/jew f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby;

(b) il-konsum tal-enerġija tal-prodott f'modalità ta' standby ta' netwerk jekk il-portijiet tan-netwerk bil-fili jkunu kollha konnettjati u l-portijiet tan-netwerk bla fili jkunu kollha diżattivati;

(c) struzzjonijiet dwar kif issir id-diżattivazzjoni ta' portijiet tan-netwerk bla fili.

Il-konsum tal-enerġija tal-prodott f'modalità ta' standby ta' netwerk kif imsemmi fil-punt (b) u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt (c) għandhom ikunu inklużi wkoll fil-manwal tal-utent.

▼M4

8. Il-kejl

Il-konsum tal-elettriku msemmi fil-punti 1(a), 1(b), 2(a), 2(b), 3(e), 4(c) u 5 u l-ħinijiet tad-dewmien imsemmija fil-punt 6 għandhom jiġu ffissati bi proċedura ta' kejl affidabbli, preċiża u riproduċibbli, li tqis il-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali.

9. Informazzjoni li trid tingħata mill-manifatturi

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 4, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi dawn l-elementi:

(a) għal kull modalità standby u/jew mitfi:

— id-dejta dwar il-konsum tal-enerġija f'Watts, imqarrba sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali,

— il-metodu tal-kejl użat,

— deskrizzjoni ta' kif intgħażlet jew ġiet ipprogrammata l-modalità tal-apparat,

— is-sekwenza tal-istadji li jwasslu għall-kundizzjoni fejn l-apparat jibdel għal modalitajiet oħra awtomatikament,

— kwalunkwe noti dwar kif jaħdem it-tagħmir, eż., informazzjoni dwar kif l-utent għandu jiswiċċja t-tagħmir għal kundizzjoni ta' standby ta' netwerk,

— jekk ikun applikabbli, il-ħin predefinit tad-dewmien li warajh, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tkun swiċċjat it-tagħmir fil-modalità jew kundizzjoni ta' konsum baxx applikabbli;

(b) għal tagħmir imqabbad ma' netwerk:

— l-għadd u t-tip ta' portijiet tan-netwerk u, għajr għall-portijiet tan-netwerk bla fili, il-post fejn dawn il-portijiet ikunu fuq it-tagħmir; b'mod partikolari għandu jiġi ddikjarat jekk l-istess port fiżiku tan-netwerk jiħux żewġ, jew aktar, tipi ta' portijiet tan-netwerk;

— jekk il-portijiet tan-netwerk jiġux diżattivati kollha qabel il-konsenja,

— jekk it-tagħmir jikkwalifikax bħala tagħmir HiNA jew tagħmir b'funzjonalità HiNA; dan ma għandux jitqies li jkun il-każ, meta ma tingħata ebda informazzjoni;

u għal kull tip ta' port tan-netwerk:

— il-ħin predefinit tad-dewmien, li warajh, il-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tiswiċċja t-tagħmir f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk,

— il-kmand li jintuża għar-riattivazzjoni tat-tagħmir,

— l-ispeċifikazzjonijiet (massimi) tal-prestazzjoni,

— il-konsum (massimu) tal-enerġija tat-tagħmir f'kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk li l-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tiswiċċja t-tagħmir fiha, f'każ li dan il-port biss jintuża għall-attivazzjoni mill-bogħod,

— il-protokoll ta' komunikazzjoni użat mit-tagħmir;

Jekk ma tingħata ebda informazzjoni, it-tagħmir ma jitqiesx li jkun tagħmir imqabbad ma' netwerk sakemm ma jipprovdix il-funzjonalitajiet ta' *router*, swiċċ ta' netwerk, punt ta' aċċess għan-netwerk bla fili (li ma jkunx terminal), *hub*, modem, telefown VoIP, vidjofown.

▼M4

(c) il-parametri tal-ittestjar għall-kejl:

— temperatura ambjentali,

— vultaġġ tal-ittestjar f'V u frekwenza f'Hz,

— distorsjoni armonika totali mis-sistema ta' provvista tal-elettriku,

— informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-istrumentazzjoni, l-immuntar u ċ-ċirkwiti użati għall-ittestjar tal-elettriku;

(d) il-karatteristiċi tat-tagħmir rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1(c), jew ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2(c) u/jew 2(d) u/jew 3(b), kif applikabbli, inkluż il-ħin li jittieħed biex tintlaħaq awtomatikament il-modalità standby, jew il-modalità mitfi, jew kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti tal-konsum tal-elettriku applikabbli għall-modalità mitfi u/jew modalità standby.

B'mod partikolari, jekk applikabbi, għandha tingħata ġustifikazzjoni teknika għaliex ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1(c), jew ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2(c) u/jew 2(d) u/jew 3(b), ma jixirqux għall-użu maħsub tat-tagħmir. Il-ħtieġa li tinżamm konnessjoni waħda jew aktar man-netwerk jew li t-tagħmir jistenna għal kmand mogħti mill-bogħod, mhix mejqusa bħala ġustifikazzjoni teknika għall-eżenzjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2(d), fil-każ ta' tagħmir li mhux definit bħala tagħmir imqabbad ma' netwerk mill-manifattur.

▼B

ANNESS III

Proċedura ta' verifikazzjoni

Meta titwettaq il-verifikazzjoni tas-sorveljanza tas-suq imsemmija fid-Direttiva 2005/32/KE, l-Artikolu 3 (2), l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifikazzjoni li ġejja għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, il-Punti 1.a) u 1.b), jew il-Punti 2.a) u 2.b), kif applikabbli.

Għar-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku ikbar minn 1,00 W: L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jittestjaw unità unika waħda.

Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, il-Punti 1.a) u 1.b), jew il-Punti 2.a) u 2.b), kif applikabbli, ta' dan ir-Regolament jekk ir-riżultati għall-kundizzjonijiet modalità mitfija u modalità *standby*, kif applikabbli, ma jaqbżux il-valuri tal-limitu b'aktar minn 10 %.

Jekk dan ma jkunx il-każ, għandhom jiġu ttestjati tliet unitajiet oħra. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-Regolament jekk il-medja tar-riżultati ta' dawn it-tliet testijiet tal-aħħar għall-kundizzjonijiet modalità mitfija u modalità *standby*, kif applikabbli, ma taqbiżx il-valuri tal-limitu b'aktar minn 10 %.

Għar-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku inqas minn jew ugwali għal 1,00 W: L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jittestjaw unità unika waħda.

Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, il-Punti 1.a) u 1.b), jew il-Punti 2.a) u 2.b), kif applikabbli, ta' dan ir-Regolament jekk ir-riżultati għall-kundizzjonijiet modalità mitfija u/jew modalità *standby*, kif applikabbli, ma jaqbżux il-valuri tal-limitu b'aktar minn 0.10 W.

Jekk dan ma jkunx il-każ, għandhom jiġu ttestjati tliet unitajiet oħra. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-Regolament jekk il-medja tar-riżultati ta' dawn it-tliet testijiet tal-aħħar għall-kundizzjonijiet modalità mitfija u/jew modalità *standby*, kif applikabbli, ma taqbiżx il-valuri tal-limitu b'aktar minn 0,10 W.

Jekk dan ma jkunx il-każ, il-mudell jitqies li ma huwiex konformi.

▼M4

Fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, punt 2(d), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-proċedura applikabbli msemmija hawn fuq biex ikejlu l-konsum tal-enerġija wara li l-funzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija, jew funzjoni simili, tkun swiċċjat it-tagħmir fil-modalità jew kundizzjoni applikabbli.

Fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, punti 3(c) u 4(a), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-proċedura applikabbli msemmija hawn fuq, wara li jkunu diżattivaw u/jew skonnettjaw, kif applikabbli, il-ports tan-netwerk kollha tal-unità.

Fit-twettiq tal-verifiki (spezzjonijiet) tas-sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika li ġejja għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, punti 3 u 4, kif applikabbli.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità waħda biss kif ġej:

Jekk it-tagħmir ikollu, kif indikat fid-dokumentazzjoni teknika, tip ta' port tan-netwerk wieħed u żewġ portijiet jew aktar ta' dak it-tip ikunu disponibbli, għandu jintgħażel wieħed minn dawn il-portijiet b'mod aleatorju u dak il-port jiġi kkonnettjat man-netwerk xieraq li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni massima tal-port. F'każ li jkun hemm diversi portijiet tan-netwerk bla fili tal-istess tip, jekk ikun possibbli, il-portijiet tan-netwerk bla fili l-oħra għandhom jiġu diżattivati. Fil-każ ta' diversi portijiet tan-netwerk bil-fili tal-istess tip, sabiex jiġu verifikati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness II, jekk ikun possibbli, il-portijiet tan-netwerk l-oħra għandhom jiġu diżattivati. Jekk ikun disponibbli port tan-netwerk wieħed biss, dak il-port għandu jiġi kkonnettjat man-netwerk xieraq li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni massima tal-port.

[1] ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

▼**M4**

L-unità titqiegħed fil-modalità mixgħul. Hekk kif l-unità fil-modalità mixgħul tkun qiegħda taħdem sew, din tkun tista' taqleb għall-kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk u l-konsum tal-enerġija jiġi mkejjel. Imbagħad it-tagħmir jingħata l-kmand xieraq, li jgħaddi mill-port tan-netwerk, u jiġi verifikat jekk it-tagħmir ġiex riattivat.

Jekk it-tagħmir ikollu, kif indikat fid-dokumentazzjoni teknika, aktar minn tip ta' port tan-netwerk wieħed, il-proċedura li ġejja għandha tiġi ripetuta għal kull tip ta' port tan-netwerk. Jekk ikunu disponibbli żewġ tipi ta' portijiet tan-netwerk jew aktar, għandu jintgħażel port wieħed għal kull tip ta' port tan-netwerk b'mod aleatorju u dak il-port jiġi kkonnettjat man-netwerk xieraq li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni massima tal-port.

F'każ li għal ċertu tip ta' port tan-netwerk ikun disponibbli tip ta' port wieħed biss, dak il-port jiġi kkonnettjat man-netwerk xieraq li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni massima tal-port. Jekk ikun possibbli, il-portijiet tan-netwerk bla fili li ma jintużawx għandhom jiġu diżattivati. Fil-każ tal-verifika tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness II, jekk ikun possibbli, il-portijiet tan-netwerk bil-fili li ma jintużawx għandhom jiġu diżattivati.

L-unità titqiegħed fil-modalità mixgħul. Hekk kif l-unità fil-modalità mixgħul tkun qiegħda taħdem sew, din tkun tista' taqleb għall-kundizzjoni li tipprovdi modalità standby ta' netwerk u l-konsum tal-enerġija jiġi mkejjel. Imbagħad it-tagħmir jingħata l-kmand xieraq, li jgħaddi mill-port tan-netwerk, u jiġi vverifikat jekk it-tagħmir ġiex riattivat. F'każ li port fiżiku tan-netwerk wieħed jintuża ma' żewġ tipi jew aktar ta' portijiet (loġiċi) tan-netwerk fl-istess ħin, din il-proċedura għandha tiġi ripetuta għal kull tip ta' port loġiku tan-netwerk, filwaqt li l-portijiet loġiċi tan-netwerk l-oħra jkunu diżattivati.

Il-mudell għandu jitqies bħala konformi ma' dan ir-Regolament jekk ir-riżultati għal kull tip ta' port tan-netwerk ma jkunux ogħla mill-valur limitu b'aktar minn 10 %.

Jekk dan ma jkunx il-każ, għandhom jiġu ttestjati tliet unitajiet oħra. Il-mudell għandu jitqies bħala konformi ma' dan ir-Regolament jekk il-medja tar-riżultati għal kull tip ta' port tan-netwerk ta' dawn it-tliet testijiet ma tkunx ogħla mill-valur limitu b'aktar minn 10 %.

Jekk dan ma jkunx il-każ, il-mudell għandu jitqies bħala mhux konformi.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħtu r-riżultati tat-testijiet u l-informazzjoni l-oħra rilevanti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' konformità tal-mudell.

Minbarra l-proċeduri stabbiliti hawn fuq, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, inkluż metodi stabbiliti f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS IV

Termini ta' Riferiment

It-termini ta' riferiment li ġejjin qegħdin jiġu identifikati għall-iskop tal-Anness I, parti 3, il-punt 2, tad-Direttiva 2005/32/KE:

Modalità mitfija: 0 W-0.3 W bl-iswiċċ għad-diżattivazzjoni (*hard-off switch*) fuq in-naħa prinċipali, u dan jiddependi, *inter alia*, mill-karatteristiċi marbuta mal-kompatibbiltà elettromanjetika skond id-Direttiva 2004/108/KE.

Modalità *standby* – funzjoni ta' riattivazzjoni: 0,1 W

Modalità *standby* – indikatur: indikaturi sempliċi u LEDs ta' qawwa baxxa ta' 0,1 W, indikaturi akbar (eż. għall-arloġġi) jeħtieġu qawwa akbar.

▼M4

Standby ta' netwerk: 3 W għal tagħmir HiNA; 1 W jew inqas għal tagħmir li mhux tagħmir HiNA.